# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 28**

**Avviz numru 1199/98/SM**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Anthony Sultana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM842.10) liema somma kienet imhallsa lill-familja tieghu ghall-perjodu mis-27 ta' Mejju 1988 sal-14 t'April 1989 bhala ghajnuna socjali meta hu kien fid-dmir li jmantniehom skond l-artikolu 30 ta' l-Att X tal-1987 Dwar is-Sigurta' Socjali;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 ta' Lulju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;**

**2. Illi l-eccepjent dejjem hallas il-manteniment lill-martu sakemm kien ordnat mill-Qorti u sakemm issepara legalment minn martu b'att tan-nutar Dr. Joe Cilia tas-17 ta' Jannar 1990. B'dan l-att ta' separazzjoni mart l-eccepjent irrununzjat ghal kull dritt ta' manteniment;**

**3. Illi ghalhekk il-famija ta' l-eccepjent ma kienitx intitolata ghal ebda ghajnuna socjali billi diga' kienet qeghda tircievi l-manteniment shih kif ordnat mill-Qorti. F'kull kaz kemm mart l-eccepjent kemm bintu kienu jahdmu wkoll u kellhom dhul regolari;**

**4. Illi l-attur ma kienx informa lill-eccepjent bit-talba ghall-ghajnuna minn naha ta' martu u bintu;**

**5. Illi bla pregudizzju tas-sueccepit l-attur ghandu jindika dettaljatament il-bazi legali tat-talba tieghu, kif ukoll dettalji dwar it-talba ghall-ghajnuna u l-hlasijiet maghmula;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi skond l-ufficjal principali anzjan fid-dipartiment tas-sigurta' socjali certa Geralda Sultana kienet applikat ghall-ghajnuna socjali fit-3 ta' Frar ta' l-1988 peress li ma kelliex mezzi bizzejjed;**

**2. Illi din l-ghajnuna tidher li bdiet tinghatalha mis-27 ta' Marzu ta' l-istess sena ndikata fil-paragrafu precedenti;**

**3. Illi l-ghajnuna socjali de quo kienet inghatatilha a bazi tad-dikjarazzjoni li hi kienet ghamlet mad-dipartiment koncernat u inghatatilha favurha u favur bintha Renalda;**

**4. Illi d-dipartiment koncernat kien informat mill-konvenut li dan ta' l-ahhar kien imantni lill-martu u lill-bintu l-imsemmija Geralda u Rinalda fl-ammont ta' sebghin Lira Maltin, (LM70.00,0), u dan fuq ordni tal-qorti;**

**5. Illi pero' fl-istess nifs l-imsemmi ufficcjal principali anzjan tad-dipartiment ikkoncernat sostna wkoll li dan l-ammont kien effettivament ghall-manteniment ta' Rinalda peress li skond ma qal li nfurmah il-konvenut odjern, Geralda ma kienet intitolata ghal xejn.**

**6. Illi jidher li l-konvenut kien ukoll ittermina l-manteniment lill-martu Geralda;**

**7. Illi d-dipartiment ikkoncernat informa lill-konvenut li kien qieghed jghati ghajnuna socjali lill-mara tieghu Geralda;**

**8. Illi dan il-manteniment baqa' jinghatalha sa l-14 t'April ta' l-1989 meta l-beneficjarja tirrizulta li bdiet tahdem;**

**9. Illi l-attur allura istitwixxa din il-procedura biex jirkupra l-manteniment imhallas minnhu lill-beneficjarja;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenut isostni s-segwenti:**

1. **Illi hu dejjem agixxa skond l-ordnijiet fuqu imposti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili kif juri d-dokumenti minnu pprezentati fl-atti ta' din il-procedura;**

2. **Illi ghalhekk il-konvenut isostni li dejjem ghadda l-manteniment minnhu dovut lill-martu Geralda, sad-data tal-kuntratt ta' separazzjoni;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi konvinta li l-attur ma pprovax il-kaz tieghu u in vista tas-suespost filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**